MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Numru. 1218/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Carmelo Magri)
vs
Lawrence Mangion, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-18 ta' ottubru, 1987
u
Glenn Spiteri, iben Lawrence, imwieled Pieta' fit-12 ta' jannar, 1988
u
Carl Ciantar, iben Carmelo, imwieled Pieta' fil-11 ta' settembru, 1989

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli fis-16 ta' novembru, 2006 għal habta tas-6.30 p.m. mill-ħanut bl-isem 'Style Spy hair Salon', sitwat fi Triq it-Tarzna, Tarxien ikkomettew serq ta' flus għad-dannu ta'

Wendy Camilleri mix-Xgħajra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin;
2. talli fl-istess data u ċirkostanżi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw għadd ta' persuni kontra l-volonta' tagħhom;
3. talli fl-istess data u ċirkostanżi wżaw vjolenza sabiex iġiegħlu lill-imsemmija Wendy Camilleri u lill-persuna oħra, jagħmlu, jħallu jsir, jew jonqsu mill-jagħmel xi ħaġa;
4. talli fl-istess data u ċirkostanżi, fil-waqt li għamlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellhom fuqhom armi regolari jew imitazzjoni ta' armi regolari;
5. talli fl-istess data u ċirkostanżi, żammew u/jew ġarrew, jew kellhom fil-pussess tagħhom strument li jaqta' u bil-ponta (skieken) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
Il-Qorti hi ġentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-għamla Peugeot 405, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAM 702, skond l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta' mejju, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub (fil-konfront ta' l-imputati kollha) –
a. fl-artikoli 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 275, 277 u 278 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 86 u 87(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 13, 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' novembru, 2007 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' mejju, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lil **Lawrence Mangion** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 87(1)(f) 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 275, 277 u 278 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 13, 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Issib lil **Glenn Spiteri** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 87(1)(f) 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 275, 277 u 278 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 13, 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi tal-każ mhemmx lok għall-konfiska tal-vettura eżebita. Issib lil **Carl Ciantar** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 87(1)(f) 261(a)(b)(f), 262, 263, 270, 275, 277 u 278 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 13, 19 u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien tlett snin mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' mija u ħamsin euro (€150) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------